Minuti ta' l-1 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar it-Tnejn 1 ta' April, 2013. Il-laqgha nbdiet hin 5.00pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
| --- | --- |
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Louis Apap |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | Lisa Marie Brooke |
| | CarmenVella |

**Ufficjali:**
Segretarju Ezekuttiv Joanne Apap Attard

Il-Kunsillier Carmen Vella bhala l-Kunsillier l-aktar anzjan ippresediet. Intqalet it-talba.

**1. Accettazzjoni tal-kariga mis-Sindku.**

1.1 Carmen Vella qalet illi fl-elezzjonijiet tad-9 ta' Marzu, David Apap gie elett Sindku. Hija staqsietu jekk jaccettax din il-kariga. Huwa wiegeb li qed jaccetta il-kariga u ffirma d-dokument tal-accettazzjoni tal-kariga li gie pprezentat lis-Segretarju Ezekuttiv.

1.2 Is-Sindku David Apap kompla jippresiedi u ghadda ghal-punt numru 2 tal-Agenda.

**2. Accettazzjoni tal-kariga mill-Vici-Sindku.**

2.1 Is-Sindku spjega illi fl-elezzjonijiet tad-9 ta' Marzu, Louis Apap kien dak il-Kunsillier li gab l-akbar ghadd ta' voti fl-ewwel ghadd mill-partit li l-iktâr kiseb voti. Ghalhekk imiss lilu l-post ta' Vici-Sindku. Is-Sindku staqsieh jekk jaccettax din il-kariga. Huwa wiegeb li qed jaccetta u ffirma d-dokument tal-accettazzjoni tal-kariga li gie pprezentat lis-Segretarju Ezekuttiv.

**3. Tqassim ta' dokumenti u nformazzjoni dwar l-operat tal-Kunsill.**

3.1 Is-Sindku staqsa lill-membri jekk ghandhomx kopja tal-ligi u *code of ethics*. Peress li l-membri li servew fil-legizlatura precedenti ghandhom dawn id-dokumenti ser ikunu qed jinghataw soft copy fuq cd. Lill-Vici-Sindku ser issirlu *hard copy* peress li m'ghandux.

**4. Attivitajiet April – Gunju 2013.**

4.1 Id-dati ta' Seher il-Punent gew ikkonfermati ghad-19, 20 u 21 ta' April, 2013.

4.2 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera kollha sabiex flimkien mieghu jiehdu sehem attiv fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet u jaghtu sehemhom fil-programm.

4.3 Is-Sindku pprezenta programm draft propost ta' attivitajiet, nefqa u dhul liema programm (anness) gie diskuss fid-dettall.

4.4 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-ikla tal-Gimgha filghaxija liema attivita' tigi mtellgha mill-ghaqdiet lokali. Il-Kunsill iddiskuta l-problema tas-sena precedenti dwar nuqqas ta' waiters waqt l-ikla. Il-Kunsill qabel li n-numru ta' mistiedna ghall-ikla ghandu jinzamm baxx kemm jista' jkun minhabba limitazzjonijiet ta' budget. Madankollu ghandhom ikunu mistiedna l-membri parlamentari Ghawdxin.

4.5 Il-Kunsill iddiskuta l-budget allokat ghas-servizz ta' koordinament mill-ghaqdiet lokali fejn qed jigu vvutati €800.00. Il-Kunsill iddiskuta l-fatt jekk dawn ghandhomx jinqasmu bejn l-ghaqdiet kollha jew inkella ta' kull sena tintghazel ghaqda wahda li tircievi dan l-ammont li forsi jkollha htigiet partikolari waqt dak il-perjodu.

4.6 Is-Sindku spjega illi l-Ministeru ghal Ghawdex intalab ghajnuna ghall-festival u rcevejna konferma bil-miktub li ser ikun qed jaghti €1000. Is-Sindku spjega illi l-Ministru ghal Ghawdex ser ikun mistieden sabiex jinawgura l-festival u jattendi ghall-ikla. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.7 Gie spjegat illi sakemm ma jinstabux sponsors addizzjonali mhuwiex mahsub li jkun hemm *live entertainment* waqt l-ikla hlief ghall-background music mill-PA system u xi interventi ta' daqq tradizzjonali minn membri tal-Qiegha.

4.8 Il-Kunsill iddiskuta s-serata tas-Sibt filghaxija fejn il-Kunsill qabel li din ghandha tibda permezz tat-tug of war, segwit minn Karnival fir-rebbiegha, kuncert mill-Banda Vizitazzjoni u fl-ahhar kuncert minn Cash & Band. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandhom jigu mistiedna xi kantanti lokali biex ikomplu jimlew il-programm.

4.9 Fir-rigward tal-Karnival fir-rebbiegha gie spjegat illi zewg gruppi diga avvicinaw lill-Kunsill u huma lesti li jippartecipaw. Dawn huma l-kumpanija ta' Doris u Joe Bugeja kif ukoll dik ta' Odette u Josephine Farrugia.

4.10 Il-Kunsill iddiskuta fid-dettall kif ser tigi organizzata u kif ser jitqassam il-budget allokat ghal-loghba tat-tug of war li huwa ta' €1500. Gie deciz li din ghandha tkun organizzata u koordinata mill-Kumitat tal-Briju fejn €500 jigu allokati ghal dan il-ghan. Bhala premjijiet il-Kunsill qabel li jkunu maqsuma kif gej: €500 l-ewwel premju, €200 it-tieni premju, €150 it-tielet

premju. Il-Kunsill qabel li l-bilanc ta' €150 ghandu jinqasam bejn it-timijiet l-ohra partecipanti bhala premju ta' partecipazzjoni. It-tim tal-Kumitat tal-Briju ser jiehu sehem fil-loghba izda mhux ser ikun qed jikkompeti.

4.11 Il-Kunsill qabel li ghandu jkun hemm kategorija ohra ta' timijiet bejn it-13 u 18 il-sena. Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill biex jingabu l-firem tal-genituri ta' dawk il-partecipanti li huma taht l-eta. Il-Kunsill qabel li l-koordinaturi ghandhom jigu nkarigati jiehdu hsieb illi l-persuni nkarigati minn kull tim ghandhom igibu l-firem tal-partecipanti kollha. Il-Kunsill qabel li ghal din il-kategorija bhala rigali ghandhom jinghataw trofej jew xi vouchers.

4.12 Il-Kunsill qabel illi r-referees ghandhom jinhatru mill-Kunsill u l-hlas taghhom huwa apparti mill-ammont imsemmi ta' €1500.

4.13 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivita' tal-Hadd. Il-Hadd filoghdu ser ikun animat permezz tal-attivita' tal-gbejna, l-attivita' tal-muturi u l-grupp folkloristiku Aurora. Wara nofsinhar ser tinzamm il-maratona ta' zfin minn kumpaniji ta' zfin Maltin. Il-Kunsill ser ikun qed jipprovdi il-biljett tal-vapur lil dawn il-partecipanti filwaqt li huma jiehdu hsieb it-transport l-iehor. Emanuel Muscat gie delegat il-koordinament tal-attivita' tal-gbejna.

4.14 Is-Sindku spjega illi hemm il-possibilita' li fil-programm tal-Hadd filghaxija tkun inkluza ix-xow Mamma Mia, izda ghad m'hemmx dettalji dwar kemm tiswa' u provvista ghaliha fil-budget.

4.15 Gew diskussi spejjez ohra relatati mal-festival fosthom stampar, billboards, servizz ta' wardens u ambulanza, servizz ta' sound u dawl.

4.16 Dwar is-sound gie nnutat li s-sena precedenti kien hemm xi problemi teknici u ghalhekk ghandha tkun imposta multa bhala wahda mill-kundizzjonijiet tal-kwotazzjoni. Il-Kunsill qabel li l-ammont allokat ghal sound u light ghandu jinqasam €1000 ghas-sound u €500 ghad-dawl. Peress li l-ammonti huma fil-limiti ta' *direct order* il-Kunsill qabel li ghandhom jingabru 3 kwotazzjonijiet xorta wahda izda ma jinhtiegx li jsir avviz fuq il-gazzetta. Il-Kunsill qabel li ghal servizz ta' dawl ghandhom jintalbu kwotazzjonijiet minghand 2 Cee Media, Michael Bugeja u Yoseph Azzopardi. Ghal servizz ta' sound ghandhom jintalbu kwotazzjonijiet minghand 2 Cee Media, Antoine Debrincat u peress li l-Kunsill mhuwiex konxju minn aktar kuntratturi ser tintalab lista mid-Dipartiment tal-kultura. Il-Kunsill qabel li fir-rigward tas-sound u dawl ghandhom jintalbu riders lill-gruppi li ser ikunu qed jippartecipaw. Bhala kriterji ghall-ghoti ta' dawn il-kwotazzjonijiet dawn ser jinghataw lill-ahjar kwotazzjoni li tilhaq jew teccedi l-ispecifikazzjonijiet mitluba u tkun fil-limitu tal-budget u mhux bilfors lill-orhos kwotazzjoni.

4.17 Il-Kunsill qabel li ghandha tkun ippublikata l-offerta ghal min huwa interessat li jopera servizzi ta' ikel u xorb waqt Seher il-Punent. Din ser tkun

publikata fuq il- gazzetta u taghlaq l-Erbgha 10 ta' April, 2013 fl-10.00am. Il-kwotazzjonijiet tas-sound u light ukoll ghandhom ikunu jaghlqu f'dik id-data ghalkemm mhux ser ikunu publikati fuq il-gazzetta. Il-Kunsill qabel li l-kwotazzjoni tal-*printing* ghandha taghlaq qabel minhabba limitazzjonijiet taz-zmien u li l-ghazla ghandha taqa fuq l-orhos kwotazzjoni. B'hekk ikun jista' jinbeda x-xoghol ta' dizinn u stampar minghajr ma jkun mehtieg li ssir il-laqgha li jmiss.

4.18 Gie spjegat illi m'hemmx allokazzjoni ghall-kontingenza fil-budget imhejji ghal Seher il-Punent.

4.19 Il-Kunsill qabel li bhas-sena precedenti il-palk ghandu jintrama in-naha tal-lemin kif thares lejn iz-zuntier.

4.20 Is-Sindku spjega illi attivita' ohra proposta ghall-perjodu msemmi hija dik tal-Opra fil-Miftuh li hija proposta ghall-5 ta' Gunju, 2013 li kienet inzammet ukoll sentejn ilu u ntlaqghet tajjeb mill-pubbliku. Il-Kunsill qabel unanimament u li ghandu jibda' jahdem fuq il-pubblicita' u sponsor ghal din l-attivita'.

**5.0 Korrispondenza u materji ohra.**

5.1 Giet trattata l-korrispondenza segwenti:

5.2 Mill-MEPA permess ta' zvilupp PA3729/10 dwar installazzjoni ta' pannelli fotovoltajici. Il-permess u l-pjanti approvati tpoggew fuq il-mejda ghal min jixtieq jarahom.

5.3 Mill-Green MT fir-rigward tal-ftehim ta' skart tal-ippakeggjar li jrid jigi ffirmat u mibghut lura lil Green MT.

5.4 Mill-ETC fir-rigward tal-progett Employment in the Social Economy.

5.5 Mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Memo 49/2012 – Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-lokalitajiet 2013 fejn il-Kunsill gie nfurmat li ser jinghata €1880.00 minn din l-iskema. Gie spjegat illi l-inizjattiva tal-'Walking Bus' ma gietx approvata u ghalhekk it-transport ghas-sena skolastika 2013-2014 mhuwiex kopert.

5.6 Mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Memo 45/2012 - Skema ta' finanzjament ta' inizjattivi specjali 2013 fejn il-Kunsill gie infurmat illi l-proposti tieghu taht din l-iskema ma gewx accettati.

5.7 Mill-MCCAA dwar spezzjoni ta' playgrounds matul l-2013 li tinkludi nformazzjoni dwar l-iskema ta' rikonoxximent imnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

5.8 Saret diskussjoni dwar is-sular ta' taht tal-*leisure park*. Emanuel Muscat issuggerixxa *illi l-parti* ta' taht ghandha tkun maghluqa bil-lejl. Is-Sindku qal li hemm il-hsieb li jsiru gates izda bhalma kien spjegat fil-laqgha precedenti qed isiru l-kontijiet tax-xoghol attwali biex johrog il-bilanc disponibbli u b'hekk wiehed ikun jista' jara kif ser jintuzaw il-fondi li fadal. Gie spjegat illi bil-bilanc disponibbli irid isir ukoll il-pavimentar ta' taht. Emanuel Muscat staqsa jekk il-lasti tal-mini pitch Twahhlux fejn gie spjegat illi l-handyman inghata l-ordni biex iwahhalhom. Dawn inqalghu mit-tfal. Gie nnutat li t-tfal qed iferrxu z-zrar li hemm fil-gandott tal-ilma. Il-Kunsill qabel mal-hsieb li jigu ntrodotti cameras tas-sigurta' fis-sular ta' isfel.

5.9 Is-Sindku qal illi bhala procedura u bhalma tipprovdi l-ligi, jixtieq illi f'kull laqgha tkun deciza d-data tal-laqgha li jmiss sabiex jigu evitati diffikultajiet biex tigi ffissata l-laqgha tal-Kunsill li kienu qed jinqalghu fil-legizlazzjoni precedenti. *Il-laqgha li jmiss* giet stabbilita ghall-Erbgha 10 ta' April, 2013 hin 4.45pm. Dakinhar fl-10.00am ser ikunu qed jaghlqu l-kwotazzjonijijet relatati ma Seher il-Punent u dawn ser jinfethu waqt il-laqgha.

5.10 Is-Sindku ppropona li ssir *roaster* bejn il-Kunsillieri sabiex dawn jattendu ghas-sessjonijiet tal-ftuh tat-tenders/kwotazzjonijiet. Huwa qal li jixtieq li f'kull sessjoni ta' ftuh ikun hemm Kunsillier minn kull partit rapprezentat fil-Kunsill. Dan sabiex l-affarijiet jimxu bl-iktar mod traspartenti u ma jkunx hemm problemi. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.11 Is-Sindku spjega illi f'laqgha ohra huwa ser ikun qed iqassam karigi lil kull kunsillier.

5.12 Issemma l-fatt illi l-ghassa tal-pulizija hija mistennija biex b'mod imminenti tkun trasferita ghall-post mahsub ghalija gewwa c-Centru Civiku. Il-Kunsill iddiskuta l-fatt illi probabilment b'effett ta' dan in-notice board tal-Kunsill li hemm stallata mal-faccata tal-ghassa ikollha ticcaqlaq. Giet diskussa l-possibilita' li din tehel fuq pole.

Il-laqgha spiccat hin 6.25pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Apap Attard
Segretarju Ezekuttiv